ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 28/2012**
***Kienet addottata Aġenda nru. 25/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 8 ta' Mejju 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur George Sacco kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NRU. 27/2012

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 27/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI SEDUTA NRU. 27/2012

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Dwar il-*bumping cars* kien maqbul li għal dan is-sajf dawn għandhom jintramaw għat-tul tagħhom il-ġewwa mis-*skips* u jħalli fil-ġenb minn fejn tgħaddi vettura.

## 4. KORRISPONDENZA

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv** |
|---|---|
| (i) GOR-OUL Services<br>Għal *track* tal-*quad bikes*<br>mit-8 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru '12<br>f' Marsalforn. | Approvata –<br>it-*track* tintrama l-ġewwa mill-*car park*, fl-*area* mnaddfa mill-Ministeru għal Għawdex. |
| (ii) GOR-OUL Services<br>Biex jintrama *trampoline*<br>mit-8 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru '12<br>fil-Menqa. | Approvata –<br>jintrama quddiem l-*area* riservata għad-dgħajjes. (fl-eventwalita' ta' maltemp/ħsara, id-dgħajjes jieħdu prijorita'). |
| (iii) Gozo Adventures<br>Biex titpoġġa *trailer* fil-Menqa sajf 2012. | Approvata –<br>titpoġġa mal-ġenb tal-*breakwater*, ħdejn it-taraġ. |

Iċ-Chairperson issospendiet l-aġenda biex indirizza l-Kamra s-Sur Henry Cefai dwar il-*promenade* tal-Qbajjar.

Is-Sur Refalo qal il-Kumitat kollu għandu jirriżenja għax mhux qed jinqeda mid-dipartimenti tal-gvern.

Intqal li fil-*belvedere* tal-wied, hemm diversi bankijiet bi strixxi tal-injam nieqsa u s-*soft area* mimlija ħaxix. Is-Segretarja Eżekuttiva se tkellem lill-uffiċjal inkarigat fl-Agrikoltura.

| | |
|---|---|
| (iv) Applikazzjonijiet għal *meter* tad-dawl temporanju ta' Frances Attard biex tarma t-trakk tagħha tal-ikel fi Triq il-Wied, maġenb it-trakk tal-ġelat mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru '12. | Approvata. |
| (v) Applikazzjonijiet għal *meter* tad-dawl temporanju ta' John Spiteri biex jarma t-trakk tiegħu tal-ikel fil-*parking area* tal-*promenade* tal-Qbajjar mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru '12. | Approvata. |

Is-Sur Refalo ssuġġerixxa u l-Kumitat qabel li tintbagħat ittra lill-Pulizija dwar jekk il-*hawkers* għandhomx id-dritt jibqgħu fil-post, id-distanza li għandha tinżamm mill-ħwienet u l-ħinijiet sakemm jistgħu jibqgħu armata.

| | |
|---|---|
| (vi) Piu Trentanove<br>Applikazzjoni għal tqegħid ta' mwejjed 16/06 – 01/07/12.<br>Applikazzjoni għal divertiment pubbliku 27/05/12.<br>Applikazzjoni għal divertiment pubbliku 03/06/12. | Rifjutata.<br>Triq il-Port tkun għadha ma bdietx tingħalaq għat-traffiku. |

Dwar il-*water culvert* propost għal Triq ix-Xagħra, il-Kumitat ftiehem li ssir *site visit* mal-Perit.

Il-Kumitat approva x-xiri ta' fanal ġdid għal fuq il-*bridge* mingħand Calleja Ltd (kwotazzjoni ta' €1,450.70).

## 5. IS-SERVIZZ TAL-I*SKIPS ON WHEELS*

Il-Kumitat qabel:

- li jitneħħew l-i*skips on wheels* tal-*car park*.
- il-*bins* tar-*recycling* inkluż tar-ristoranti jitpoġġew fi Triq il-Plejju, dik il-parti tat-triq li tiġi taħt Triq ix-Xagħra.
- il-*car park* jitnaddaf mill-ġebel u l-pjattaforma tal-konkos.

Is-Sur Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

## 6. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

KISI BIL-KONKOS TA' PARTI MINN TRIQ IL-WIED TA' MARSALFORN

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa għal kisi bil-konkos ta' parti minn Triq il-Wied ta' Marsalforn. Fuq parir tal-Perit, il-Kumitat għażel l-offerta ta' Road Construction Co Ltd li kienet l-irħas waħda.

## 7. L-GĦELUQ TA' TRIQ IL-PORT U L-MENQA – SAJF 2012

Il-Kumitat qabel li jagħlaq għat-traffiku l-Menqa, Triq il-Port u parti minn Triq il-Wied (quddiem il-*belvedere*) mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru '12.

## 8. L-ATTIVITA' ĠMIEL IR-REBBIEGĦA

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra l-kwotazzjonijiet ta' Buzzy Kids Entertainment, Leon Promotions u Jump Malta għall-attivita' ta' Ġmiel ir-Rebbiegħa.
Il-Kumitat iddeċieda li għal din is-sena jaħdem l-attivita' ma' Jump Malta.
Il-Kumitat ftiehem li jitlob kwotazzjoni lil Power Sound għal kiri ta' *pa system* u dwal għall-attivita'.

## 9. RAPPORT DWAR IL-*PROMENADE* TAL-QBAJJAR

Il-Kumitat iddeċieda li jinbeda l-proċess biex jinġab finanzjament mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar mill-UIF għall-*upgrading* tal-*promenade*.

## 10. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva li jsir 1.5mt *Keep Clear* quddiem rampa għal persuni b' diżabilita' tal-ispiżerija Tony's Pharmacy fi Triq il-Wied.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| **Maria Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |